MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1190/1997/1

**Francis Meilaq u Rose Mary konjugi Meilaq f'isimhom proprju u bhala legittimi rappresentanti ta' binthom minuri Alexis Meilaq**

**vs**

**Brian Bonnici**

**Il-Qorti,**

## PRELIMINARI

B'citazzjoni tas-26 ta' Mejju 1997 l-atturi talbu li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Jannar, 1997 fis-6.45 a.m. gewwa Burmarrad Road, Burmarrad bejn il-Van Isuzu numru V-3764 misjuq mill-konvenut u l-Mitsubishi Lancer numru U-6880 misjuqa mill-attrici, u dan minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut; li konsegwentement tillikwida d-danni sofferti minnhom u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-imsemmija danni.

Il-konvenut kien eccepixxa li r-responsabbilita` kienet gia` ammessa qabel ma gew istitwiti l-proceduri w ghalhekk l-ewwel talba kienet saret inutilment u l-konvenut ma ghandux ibati spejjez taghha. Fit-tieni lok li l-konvenut jew l-assikurazzjoni tieghu dejjem kienu pronti jhallsu d-danni purche` ssir il-prova taghhom.

## IS-SENTENZA APPELLATA

B'sentenza tal-10 ta' Lulju, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li laqghet l-ewwel talba attrici fuq l-ammissjoni tal-konvenut, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u filwaqt li ddikjarat lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, kkundannat lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef mija hamsa u sittin lira maltin (LM4165) in linea ta' danni likwidati skond l-istess sentenza, bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

## L-APPELL TAL-KONVENUT

B'rikors tal-24 ta' Lulju, 2000 il-konvenut interpona appella mis-sentenza fuq imsemmija lil din il-Qorti fejn talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija is-sentenza tal-10 ta' Lulju, 2000 tigi riformata billi waqt li tikkonfermaha fejn laqghet l-ewwel talba tal-atturi, tikkonfermaha fejn it-tieni u t-tielet talbiet jirrigwardaw id-danni likwidati favur l-atturi f'isimhom proprju, izda tirrevokaha fejn it-tieni u t-tielet

talbiet jirrigwardaw il-likwidazzjoni ta' danni favur l-atturi bhala legittimi rappresentanti tal-minuri Alexis Meilaq b'dana illi din l-Qorti ghandha tillikwida favur l-atturi noe il-quantum tad-damnum emergens stabbilit mill-Ewwel Qorti u tillikwida favur l-atturi nomine quantum ta' lucrum cessans aktar konformi mat-telf subit mill-minuri Alexis Meilaq, bl-ispejjes kontra l-atturi proprio et nomine.

F'dawn il-proceduri ta' appell il-konvenut ma huwiex qed jikkontesta la:-
a) il-bazi tal-multiplier li ghandu jkun salarju ta' LM2820 fis-sena;
b) ir-rata ta' debilita` permanenti ta' Alexis Meilaq fi grad ta' 3%, u
c) li ghandha tigi applikata *lump sum payment reduction* ta' 20%.

L-aggravju ta' l-appellant huwa indirizzat lejn il-*multiplier* adottat mill-ewwel Qorti fil-komputazzjoni tad-danni subiti mill-minuri Alexis Meilaq billi qed jigi sottomess li dan ghandu jkun ghall-perjodu ta' snin aktar ragjonevoli tenut kont tac-*chances and changes* tal-hajja tad-danneggat u mhux semplici kalkolu matematiku fejn titnaqqas l-eta` tad-danneggat mill-eta` pensjonabbli.

Qed jigi sottomess mill-appellant li filwaqt li l-ligi ma tistabilixxi ebda kriterji biex jigi likwidat il-*lucrum cessans* il-Qorti ghandha dejjem tkun gwidata mill-prudenza u mill-bzonn tal-gustizzja u l-ekwita` sabiex d-danni li eventwalment jigu akkordati jkunu jirriflettu l-kontingenzi reali tal-hajja tal-bniedem tenut kont ta' dawk il-fatturi kollha li jistghu jkollhom effett dirett fuq l-hajja lavorattiva tad-danneggat indipendentement mill-incident.

## IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI

Kif ga rajna aktar il-fuq dan l-appell huwa limitat ghad-danni akkordati lill-minuri Alexis Meilaq bhala konsegwenza tal-griehi ta' natura permanenti subiti minnha b'rizlutat tal-incident meritu tal-kawza. L-oggezzjoni tal-konvenut appellant hija indirizzata lejn l-mod kif l-ewwel Qorti kkomputat dawn id-danni billi

ittiehed bhala bazi perjodu ta' 48 sena ghall-fini tal-"*multiplier*". Naturalment dan l-aggravju qed jittressaq inkwantu l-ammont finalment likwidat, skond l-appellant, huwa eccessiv.

Minn ezami tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel qorti ghamlet studju dettaljat tal-principji relatati mal-likwidazzjoni ta' danni rizultanti minn kolpa akwiljana. Infatti fis-sentenza nsibu rassenja ta' gurisprudenza li tittratta dan l-aspett guridiku li ha spinta 'l quddiem bis-sentenza fil-kaz ta' "Butler vs Heard" tan-1967. Din, b'mod innovattiv, introduciet sistema razzjonali fl-ezercizzju tal-komputazzjoni tad-danni. Huwa minnu, kif osservat l-ewwel Qorti, li fil-medda tas-snin ir-regoli stabbiliti bis-sentenza tal-1967 raw kambjament billi l-qrati nostrani ma zammewx strettament mal-estremi imposti fl-imsemmija sentenza. Hekk naraw per ezempju li gie introdott il-kuncett ta' inflazzjoni u li inoltre l-multiplier ma baqax dak originarjament stabbilit fl-istess sentenza.

Dan premess, izda, jigi osservat li fil-likwidazzjoni tal-kumpens ghat-"*telf ta' qligh li tbati 'l quddiem* (l-persuna involuta) *minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib*" (Art. 1045(1)) il-qrati dejjem haddmu d-diskrezzjoni moghtija lilhom skond is-subinciz (2) tal-istess Artikolu 1045 billi dejjem hadu in konsiderazzjoni "*ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*".

Il-mod indikat fis-sentenza ta' l-1967 ta' kif il-Qorti tasal ghal ammont ta' kumpens li ghandu jigi akkordat lid-danneggat huwa biss istrument li jiffacilita' l-ezercizzju tal-gudikant fil-komputazzjoni tal-"quantum", izda finalment huwa mholli fl-arbitrju tal-gudikant li jara li kemm jista' jkun d-danni jkunu jirriflettu <u>dak li hu gust u xieraq fic-cirkostanzi</u>.

L-aggravju tal-appellant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher prima facie gustifikat. Jekk xejn fir-rigward tan-numru ta' snin, u cioe 48 sena, li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni ghall-fini tal-"*multiplier*." Dana

principalment ghall-zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok il-perjodu mehud in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti bhala “working life expectancy” ma seta’ qatt jinkludi dak iz-zmien meta legalment il-minuri ma setghatx tahdem. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-minuri kienet saltwarjament tippercepixxi xi introitu mill-“*photo sessions*” dan ma jfissirx li l-parti responsabbli ghandha b’daqshekk tirrispondi ghat-telf f’zmien meta legalment l-istess minorenni kienet tiddependi mill-genituri taghha. Fit-tieni lok il-kuncett ta’ “*the changes and chances of life*” gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista’ tghix sa eta` avvanzata, l-hajja tghallimna mod iehor. Ghalhekk fl-eventwalita` li d-danneggat, ghal xi raguni kompletament indipendenti mid-dizabilita` subita fl-incident, kellu jmut qabel ma jilhaq il-massimu tal-hajja lavorattiva tieghu, tkun saret ingustizzja mal-parti li kkawzat d-danni billi din tkun hallset ghall-perjodu meta effettivament d-disabilita` tad-danneggat tkun ghal kollox irrilevanti billi dan ikun miet. Isegwi li d-danni li ghandhom jigu akkordati jridu jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn d-dritt tad-danneggat u l-obbligu tad-danneggant. Tenut kont ta’ dan isegwi li l-“*working life expectancy*” ma ghandux jigi, kif qatt ma gie, konsidrat kollu ghall-fini tal-fissazzjoni tal-“*multiplier*”.

Dan stabbilit pero` din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellant li d-danni akkordati lill-minuri Alexis Meilaq huma eccessivi. Dan qed jinghad billi jidher li l-ewwel qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-“*minimum wage*” ta’ LM47.37 fil-gimgha pagabbli fi zmien li giet pronunzjata s-sentenza, adottat bhala bazi ghal fini tal-“*multiplier*” paga ta’ LM50. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-ammont huwa baxx hafna meta wiehed jikkonsidra li d-danni qeghdin jigu likwidati fuq firxa twila ta’ snin meta, kif tghallimna l-istorja recenti ta’ pajjizna, l-inflazzjoni kellha effett devastanti fuq l-“*minimum wage*” b’mod li dan fl-ahhar snin tela’ b’rata konsiderevoli. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif zieda ta’ cirka LM2.70 fil-gimgha fil-“*minimum wage*” tista’ tkopri z-zidiet kollha li wiehed jistenna fuq medda ta’ snin.

Din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, senjatament l-eta` tenera tad-danneggata, il-grad ta' dizabilita` u cirkostanzi ohra relevanti bhal per ezempju l-fatt li l-minuri, li tiehu parti bi qliegh fi "*photo sessions*", illum ghandha makkjatura f'wiccha, hija tal-fehma li l-ammont ta' LM3,600 likwidat mill-ewwel qorti fil-konfront ta' Alexis Meilaq ma' hu xejn eccessiv.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi, pero`, anke minhabba l-konsiderazzjoni maghmula fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, l-ispejjes ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------